# Trentino Alto Adige

## The Dolomites & Gardaland

**INŻURU:** Trento, Trauttmansdorf Castle, Asolo, Bassano Del Grappa, Marostica, Bolzano, Merano, Madonna Di Campiglio, Gardaland & Sirmione

**GRUPP A:** 18 - 24 ta' Lulju
**GRUPP B:** 08 - 14 ta' Awwissu

### IT-TLIETA
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-10:45 għat-titjira KM624 li ttir fis-13:00 u naslu Linate fis-14:50. Wara transfer bil-kowċ lejn Trento fejn mal-wasla tagħna fil-**Gran Hotel Trento 4 star** fiċ-ċentru ta' Trento ikollna sistemazzjoni tal-kmamar u ħarġa mal-leader. Dawk li bbukkjaw il-Half Board l-ikla tkun dejjem filgħaxija fil-hotel.

### L-ERBGĦA
Eskursjoni ta' ġurnata fejn se nżuru ***Trauttmansdorff Castle*** u l-ġonna favolużi tiegħu (dħul *extra*). Dawn il-ġonna li fihom 12-il ettaru, ħadu l-premju *Garden Tourism Award fl-2013*. Inżuru l-istess kastell li għal ħabta tal-1870, l-Imperatriċi Sissi għamlet xi żmien tgħix fih. Wara, inżuru l-ġonna botaniċi tiegħu fejn inkunu nistgħu ngawdu s-sbuħija tal-ħafna fjuri, siġar u pjanti minn madwar id-dinja kollha. Ikollna ħin liberu. Inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **Merano**-belt medjevali. Nieqfu għal sightseeing fejn naraw **Castello Principesco,** id-**Duomo** u **Via dei Portici**. Nirritornaw lura l-Hotel.

### IL-ĦAMIS
Illum mmorru sar-Reġjun ta' Levico fejn inżuru Asolo, Bassano Del Grappa u Marostica. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġo **Asolo** magħruf bħala 'the City of Hundred Horizon', flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra mal-post fejn naraw għadd ta' toroq dojoq, sqaqien kif ukoll il-Fortizza u l-Ħitan tal-Belt li jiddominaw Mount Ricco. Wara nkomplu l-eskursjoni tagħna lejn **Bassano Del Grappa** li hu magħruf għal Pont tal-Alpini magħmul mill-injam u li hu meqjus bħala wieħed mill-isbaħ villaġġi fl-Italja. Belt medjevali fejn insibu bini storiku bħal palazzi, knejjes, mużewijiet u Avenues. Inżuru wkoll distillerija tal-Grappa fejn tkun tistgħu dduqu din ix-xarba tant popolari u tixtru minnha wkoll. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa **Marostica** fejn fost oħrajn naraw Piazza Castello u Castello Superiore. Nirritornaw lura l-Hotel.

### IL-ĠIMGĦA
Eskursjoni ta' nofs ta' nhar mill-iżjed interessanti għal **Bolzano.** Fost xenarju mill-isbaħ tal-Alpi, naslu fil-belt ta' Bolzano, l-akbar belt fis-Sud Tyrol. Fost oħrajn naraw Piazza *Walther*, inżuru ċ-ċentru tal-belt mimli ħwienet u *cafés*, waqt li naraw ukoll lil Ötzi – ir-raġel li ġie mis-silġ,li jinsab fil-mużew ta' Bolzano (dħul extra). Nirritornaw lura l-Hotel sabiex ingawdu l-belt ta' Trento, magħrufa bħala l-Belt tal-Arti u l-Istorja. Hawn naraw Castello del Buonconsiglio, il-Katidral u l-pjazza splendida tiegħu. Naraw ukoll djar imżejnin bil-*frescoes*, santwarji u kastelli.

### IS-SIBT
Ġurnata mimlija divertiment kontinwu għall-kbar u għaż-żgħar. Għalhekk għal min irid tkun offruta eskursjoni ta' jum sħiħ għal **Gardaland** (optional). Park famuż għad-divertiment għax hu speċi ta' Mini Disneyland. Dan hu l-isbaħ u l-akbar Theme Park ġewwa l-Italja. Naraw shows spettakolari u attrazzjonijiet fantastiċi. (Ilum ma jkollniex ċena).

### IL-ĦADD
Illum ikollna l-opportunità ngawdu jum sħiħ qalb id-**Dolomiti**, waħda mill-isbaħ żoni muntanjużi fl-Ewropa. Tassew ġurnata memorabbli mimlija xenarju mill-isbaħ li mhu se tinsewh qatt! Fost oħrajn naraw għadd ta' villaġġi żgħar u panoramiċi bħal **Val Genova**, **Cascate Nardis** u **Madonna di Campiglio**, *ċentru* ta' fama mondjali. Mal-wasla tagħna ġewwa Madonna Di Campiglio jkollna l-opportunità li nitilgħu bil-*cable car* (*extra*) fuq waħda mill-muntanji, mnejn inkunu nistgħu nitgħaxxqu bix-xenarju fantastiku li joffru d-Dolomiti. Inħallu Madonna di Campiglio b'ħafna memorji sbieħ u nibdew il-vjaġġ lura lejn Trento.

### IT-TNEJN
Breakfast u nitilqu minn Trento b'tant memorji fi triqitna lejn **Sirmione,** il-perla ta' **Lake Garda**. Nagħmlu dawra mat-tour leader madwar it-toroq tant pittoreski mimlija boutiques, cafes u restaurants. Wara nkomplu lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM625 li ttir fl-15:40 u naslu lura Malta fil-17:30

**7** T'IJIEM

MINN € **930** KULL PERSUNA

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI NKLUŻI

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €980 | €930 |
| Kamra żewġ persuni | €985 | €935 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,235 | €1,185 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €810 | €760 |
| Half board (5 ikliet) | | €140 |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira mal-Air Malta; Malta – Linate – Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, cable cars eċċ mhux inklużi)
- 6 iljieli - Gran Hotel Trento, 4 star
- Buffet Breakfast
- Taxxi tal- ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

